QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T' APRIL 2002

Avviz Nru 399/00DM

Joseph Falzon f'ismu proprio u f'isem id-ditta Joseph Falzon & Sons

vs

Stephen Vella u Adriana Vella

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur proprio et nomine talab l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu solidalment bejniethom lill-attur proprio et nomine s-somma ta' Lm955.00 rapprezentanti l-import ta' ghaxar kambjali tal-valur ta' Lm95.50 il-wahda, li skadew rispettivament fit-30 ta' Gunju 1999, fil-31 ta' Lulju 1999, fil-31 ta' Awissu 1999, fit-30 ta' Settembru 1999, fil-31 t'Ottubru 1999, fit-30 ta' Novembru 1999, fil-31 ta' Dicembru 1999 u fil-31 ta' Jannar 2000, fid-29 ta' Frar 2000 u fil-31 ta' Marzu 2000.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli mid-dati tar-rispettivi skadenzi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni..

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Adriana Vella fejn eccepiet illi:

1 Giet konkluza separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti Vella permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dr Marco Burlo datat 23 ta' April 1998, u fl-imsemmi kuntratt gie miftiehem u stipulat li l-vettura in kwistjoni u cioe Suzuki Vitara bin-numru ta' registrazzjoni DAT 025 kellha tigi assenjata u trasferita f'isem il-konvenuta Adriana Vella u dan ai termini tal-Artikolu 11 (ix) tal-istess kuntratt;

2 Ghalkemm l-attur u l-konvenut Stephen Vella kienu interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghat-trasferiment tal-istess vettura, kemm l-attur kif ukoll il-konvenut Vella naqsu u addirittura opponew li jsir it-trasferiment tal-vettura f’isem il-konvenuta Adriana Vella, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza;

3 Ghalhekk it-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta Adriana Vella ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut Stephen Vella, la darba l-vettura ghadha intestata f’isem l-istess konvenut.

4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Stephen Vella fejn eccepixxa illi:

1 Is-somma imsemmija fl-avviz ma hijiex dovuta mill-esponent stante illi, permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 23 ta’ April 2000, klawsola 11 sub-klawsola XIII, (c ) is-somma ndikata fl-avviz kellhom jithallsu unikament mill-konvenuta Adriana Vella;

2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta Adriana Vella ghandha tigi ordnata thallas l-import tal-kambjali imsemmija fl-avviz, u dana ghall-ekonomija tal-gudizzju;

3 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm jirrizulta li l-import tal-kambjali esibiti jirrappresenta il-prezz ta vettura mibjugha mill-attur lill-konvenuti, din l-azzjoni b’ebda mod ma tirrigwarda tali bejgh jew xi kwistjoni dwar fuq min hija llicenzjata il-vettura. Din l-azzjoni hija dik imsejha kambjarja fejn il-kambjali huma kkunsidrati bhala titolu ta kreditu indipendenti mid-dettalji tal-ftehim tal-bejgh u dawk kollha li ffirmaw, accettaw jew iggiraw il-kambjali huma obbligati *‘in solidum’* ghall-hlas meta jimmaturaw il-kambjali.

Inoltre il-gurisprudenza kostanti tirritjeni illi fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita` formali tal-kambjala inkwantu jallegaw li din fuq il-wicc taghha tkun monka f'xi wahda mill-elementi kostituttivi essenzjali taghha kif trid il-ligi. Fil-kaz in ezami ebda eccezzjoni tali ma giet opposta ghat-talba attrici u kull kwistjoni bejn il-konvenuti m’ghandha ebda rilevanza ghall-meritu tal-kawza u ma tistghax tippregudika d-dritt tal-attur li jezigi l-hlas minn ghand il-firmatarji ‘*in solidum’* bejniethom.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba attrici, tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu solidalment bejniethom lill-attur proprio et nomine s-somma ta' Lm955.00 rapprezentanti l-import ta' ghaxar kambjali esibiti tal-valur ta' Lm95.50 il-wahda, li skadew rispettivament fit-30 ta' Gunju 1999 fil-31 ta' Lulju 1999, fil-31 ta' Awissu 1999, fit-30 ta' Settembru 1999, fil-31 t'Ottubru 1999, fit-30 ta' Novembru 1999, fil-31 ta' Dicembru 1999 u fil-31 ta' Jannar 2000, fid-29 ta' Frar 2000 u fil-31 ta' Marzu 2000.

Bl-imghax legali dekorribbli mid-dati rispettivi tal-iskadenzi tal-kambjali u bl-ispejjes kontra l-konvenuti *'in solidum'* bejniethom.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ29